**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**L-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni**
**(Spettur Karl Roberts)**

**Vs**

**Mustafa Ishaq Mussa**
**Aboualbashar Adam Adam**
**Jalalden Osman**
**Mosab Morsi Diab Mohamed**

**Illum 26 t'Awwissu 2021**

**Il-Qorti**,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **Mustafa Ishaq Mussa,** imwieled fis-17 ta 'Mejju 1999 gewwa Kapkabyia, Sudan, ta' nazzjonalità Sudaniza, iben Ishag u Alima detentur tan-numru tal-Pulizija 20F-058, residenti gewwa Hal Far Tent Village, Birzebbugia, **Aboualbashir Adam Adam** imwieled fl-01 ta 'Jannar 1997 gewwa Besharatayb, Central Darfur, Sudan, ta' nazzjonalità Sudaniza, iben Adam u Mariam detentur tan-numru tal-Pulizija 20H-078, residenti gewwa Hal Far Open Centre, Birzebbugia, **Jalalden Osman** imwieled fl-01 ta 'Jannar 1993 gewwa Baldon, Darfur gewwa Sudan, ta' nazzjonalità Sudaniza, iben Osman u Medina detentur tan-numru tal-Pulizija 20Z-290, residenti gewwa Hal Far Tent Village, Birzebbugia u **Mosab Morsi Diab Mohamed** imwieled fl-01 ta 'Jannar 2003 gewwa Omdurman, Khartoum State, Sudan, ta' nazzjonalità Sudaniza, iben Mursi u Asma detentur tan-numru tal-Pulizija 21E-027, residenti gewwa Hal Far Tent Village, Birzebbugia, talli fil-25 t'Awwissu 2021, u jew fil-jiem, gimghat jew xhur ta' qabel din id-data f'dawn il-gzejjer;

1. Kellhom f'idejhom Passaport, mahrug minn awtorità kompetenti, jew li, ittrasferixxew dan il-passaport lil persuna ohra jew ircevew passaport li gie ittrasferit lilhom minn persuna ohra;

2. U aktar talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamlu uzu jew ittantaw jaghmlu uzu minn passaport mahrug lil persuna ohra, cioè dawk diga' msemmija;
3. U aktar talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi taw prospett falz, dikjarazzjoni folza jew taghrif ta' fatti foloz lill-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni;
4. Kif ukoll talli xjentement ghamlu uzu minn xi dokumenti ohra iffalsifikati;
5. Kif ukoll minghajr awtorità legittima uzaw jew kellhom fil-pussess xi dokumenti, mehtiega ghall-finijiet ta' dan l-Att li jkun falsifikat skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni;

U lil **Mustafa Ishaq Mussa** wahdu talli:

6. Irrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, permezz ta' sentenza definittiva moghtija fil-konfront tieghu mill-Qrati ta' Malta nhar it-28 ta' Lulju 2020 mill-Magistrat Dr Josette Demicoli LLD.

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex b'kaz ta' htija tikkundanna lill-imputati ghall-hlas ta' spejjez konnessi mal-hatra ta' Esperti jew Periti fil-proceduri, ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni: (i) Rapport tal-Pulizija dwar il-kaz - Dok. "A"; (ii) *Personal details form* ta' l-imputat Aboualbashar Adam Adam - Dok. "B"; (iii) Passaport li nstab fil-pussess ta' Aboualbashar Adam Adam liema passaport ma jghajjatx lilu u *permesso di soggiorgo* falz li wkoll instab fil-pussess ta' l-imsemmi imputat – Dok. "C1" u Dok. "C2"; (iv) *Personal details form* ta' l-imputat Osman Jalalden- Dok. "D"; (v) Passaport li nstab fil-pussess ta' Osman Jalalden liema passaport ma jghajjatx lilu u Karta ta' l-Identità Taljana falza li wkoll instabet fil-pussess ta' l-imsemmi imputat – Dok. "E1" u Dok. "E2"; (vi) *Personal details form* ta' l-imputat Morsi Diab Mohamed Mosab- Dok. "F"; (vii) Passaport li instab fil-pussess ta' Morsi Diab Mohamed Mosab liema passaport ma jghajjatx lilu u Karta ta' l-Identità Taljana falza li wkoll instabet fil-pussess ta' l-imsemmi imputat Dok. "G1" u Dok. "G2"; (viii) *Personal details form* ta' l-imputat Mustafa Ishaq Mussa - Dok. "H"; (ix) Passaport li nstab fil-pussess ta' Mustafa Ishaq Mussa passaport ma jghajjatx lilu u Karta ta' l-Identità Taljana falza li wkoll instabet fil-pussess ta' l-imsemmi imputat Dok. "I1" u Dok. "I2"; (x) Tliet boarding passes li ilkoll flimkien qed jigu mmarkati Dok. "J"; (xi) Vera fotokopja tad-dokumenti msemmija aktar 'il fuq - Dok. "K"; (xii) Rifjut tal-jedd tal-parir ta' l-imputat Osman Jalalden – Dok. "L"; (xiii) Rifjut tal-jedd tal-parir ta' l-imputat Morsi Diab Mohamed Mosabi– Dok. "M"' (xiv) Rifjut tal-jedd tal-parir ta' l-imputat Mustafa Ishaq Mussa – Dok. "N"; (xv) Stqarrija rilaxxata mill-imputat Aboualbashir Adam Adami– Dok. "O"; (xvi) Stqarrija rilaxxata mill-imputat Osman Jalalden – Dok. "P"; (xvii) Stqarrija rilaxxata mill-imputat Mosab Morsi Diab Mohammed – Dok. "Q"; (vxviii) Stqarrija rilaxxata mill-imputat Mustafa Ishaq Mussa – Dok. "R"; (xix) Il-fedina penali ta' l-imputat Mustafa Ishaq Mussa - Dok. "S"; (xx) Il-fedina penali ta' l-imputat Aboualbashar Adam Adam - Dok. "T"; (xxi) Il-fedina penali ta' l-imputat Morsi Diab Mohamed Mosab - Dok. "U"; (xxii) Il-fedina penali ta' l-imputat Osman Jalalden - Dok. "V".

Rat li l-imputati kollha rregistraw ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghhom, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputati wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzathom bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni w ikkoncedietilhom zmien bizzejjed biex jergghu jikkonsidraw t-twegiba taghhom u jergġħu lura minnha;

Semghat is-sottomissjonijiet dwar il-piena;

Ikkunsidrat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

L-**imputati kollha flimkien** qed jigu akkuzati talli fil-25 t ' Awwissu 2021, u jew fil-jiem, gimghat jew xhur ta' qabel din id-data f'dawn il-gzejjer: (1) Kellhom f'idejhom Passaport, mahrug minn awtorità kompetenti, jew li, ittrasferixxew dan il-passaport lil persuna ohra jew ircevew passaport li gie ittrasferit lilhom minn persuna ohra; (2) U aktar talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamlu uzu jew ittantaw jaghmlu uzu minn passaport mahrug lil persuna ohra, cioè dawk diga ' msemmija; (3) U aktar talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi taw prospett falz, dikjarazzjoni folza jew taghrif ta 'fatti foloz lill-Ufficjal Principali ta 'l-Immigrazzjoni; (4) Kif ukoll talli xjentement ghamlu uzu minn xi dokumenti ohra iffalsifikati; (5) Kif ukoll minghajr awtorità legittima uzaw jew kellhom fil-pussess xi dokumenti, mehtiega ghall-finijiet ta' dan l-Att li jkun falsifikat skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni.

L-imputat **Mustafa Ishaq Mussa** wahdu qed jigi akkuzat talli: (f) Irrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, permezz ta' sentenza definittiva moghtija fil-konfront tieghu mill-Qrati ta' Malta nhar it-28 ta' Lulju 2020 mill-Magistrat Dr Josette Demicoli LLD.

L-imputati lkoll wiegbu li huma hatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront taghhom u ghaldaqstant fid-dawl ta' tali ammissjoni l-Qorti ssibhom ilkoll hekk hatja ta' l-imputazzjonijiet kollha deddoti kontra taghhom.

Ghall-finijiet ta' piena hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputati kollha rregistraw ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri u li kkooperaw mal-Pulizija.

Ghaldaqstant il-Qorti:

1. Wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 3 u 4 tal-Kap.61 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 32(1)(c) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li ttenni li qed issib lill-imputati **Aboualbashir Adam Adam, Jalalden Osman u Mosab Morsi Diab Mohamed** hatja, fuq ammissjoni taghhom, ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrihom, tikkundannahom ghall-perijodu ta 'sitt (6) xhur prigunerija effettiva;
2. Wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 3 u 4 tal-Kap.61 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 32(1)(c) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta u u l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li ttienni li qed issib lill-imputat **Mustafa Ishaq Mussa** hati, fuq ammissjoni tieghu, ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrih, tikkundannah ghall-perijodu ta' sena (1) prigunerija.

Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta 'htija tikkundanna lill-imputati jhallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti skond l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta 'Malta, stante li f'dawn il-proceduri ma kienx hemm il-hatra ta 'esperti jew Periti.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**